MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 31/2007

**Carmel Briffa (ID 483363M)**

**Vs**

**Carmen Bonavia (ID 191563M) f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-minuri Matthew, Luke, Daniela u Jean-Paul ahwa Bonavia u b'digriet moghti fil-11 ta' Gunju 2007, Dr Patrick Valentino gie nominat kuratur deputat u b'nota presentata fit-13 ta' Novembru 2007, l-istess Carmen Bonavia assumiet l-atti tal-bandu**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-attur talab sabiex l-intimati jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkunu kkundannati li konguntament u solidalment bejniethom ihallsu s-somma

ta' elfejn u erba' mitt lira Maltin (Lm2,400) rapprezentanti bilanc dovut fuq kambjala skaduta u annessa bhala "Dok A" bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) mis-27 ta' Lulju 2003, u bl-ispejjez legali.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-annessa kambjala markata "Dok A" a fol 2 tal-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 24 kif ukoll dak verbalizzat waqt is-seduta tallum stess.

Semghet lill-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi a bazi ta' dak li xehed ir-rikorrenti George Briffa (fol 25 ibid) jidher li gie pruvat illi l-ammont mitlub bhala bilanc fir-rikors in esami hu dovut (ara ukoll l-imsemmija kambjala esebita in atti a fol 2 u li skadiet fis-27 ta' Lulju 2003).

Illi, ghalhekk, it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimati sabiex konguntivament u solidalment bejniethom jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta' Lm2,400 ossija €5590.50 bl-imghax legali ta' 8% mis-27 ta' Lulju 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes legali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------